MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 74/2023-8

Il-Ħamis, 1 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fili-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina
Is-Sur Baskal Saliba

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

74.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

Il-Viċi Sindku, Sandra Grech bgħatet ittra ta' apoloġija. Din ġiet milqugħa.

74.2 Xwejni Music Fest (mozzjoni nru 2/2023)

Din il-laqgħa ġiet imsejħa fuq mozzjoni Nru 2 imressqa mill-Kunsillier Nicky Saliba u ssekondata mill-Kunsillier Daniel Cordina.

Is-Sindku qrat il-mozzjoni. (Dok A)

Is-Sindku stiednet lil Kunsillier Nicky Saliba sabiex jibda' d-diskussjoni. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li m'għandu xejn kontra li dan il-festival isir pero' ġibed l-attenzjoni li s-Sibt li għadda ħareġ ir-reklam fuq il-medja soċjali u ħadd mill-membri tal-Kunsill ma kien jaf bih. Kompla jgħid li rċieva ħafna telefonati u mistoqsijiet f'dan ir-rigward. Qal li hu importanti li lir-residenti nagħtuhom mera x'ser ikun qed jiġri waqt ix-Xwejni Music Fest. Staqsa min ser ikun qed joħroġ il-flus sabiex tittella' din l-attivita. Is-Sindku, Dr Marlene Cini infurmatu li l-Kunsill applika għal fondi tad-Direttorat tal-Cultural Heritage fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ser ikun qed jingħata €34,000. Kompliet tgħid li l-Kunsill ser ikun qed joħroġ mill-fondi tiegħu huma €5,000 għal ħruq tan-nar peress li dawn ma jiġux imħallsa mill-fondi tal-Ministeru u hemm maħsubin €4,000 mill-fondi tal-Kunsill bħala 'contingency'. Qalet li bħala *procurement* ser jinħareġ kollox mill-Ministeru għal Għawdex peress li mhux ser ikun qed iħallas il-Kunsill. Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa jekk is-sena l-oħra sarx hekk. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa x'ser ikun qed joħroġ mill-fondi tiegħu l-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li kif spejgat aktar kmieni ser ikunu qed jinħarġu il-€5000 tan-nar u l-bqija huma fondi maħsuba bħal kontinġenza. Is-Sindku tat rendikont ta' x'ser ikun qed jitħallas mill-Ministeru skont Annex A li hu anness fil-kuntratt li ġie ffirmat bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex. Kompliet tgħid li barra dawn il-fondi, il-Ministeru ser ikun qed jiprovdi wkoll minn naħa tiegħu servizzi u prodotti oħra li diġa għandu offerti fis-seħħ skont Annex B li hu anness mal-Kuntratt.

Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa għalfejn il-Kunsill għadu ma applikax għas-sistema biex jinħaraq in-nar. Is-Sindku wieġbet li l-affarijiet għadhom m'humiex ċari ma' l-Għaqda tan-Nar u mill-ERA ma ngħatajniex permess li jinħaraq minn fejn it-Torri.

Il-Kunsillier Baskal Saliba esprima li ma ħassx li kien ġust li huma bħala membri ma kinux infurmati u li l-poster tar-reklam inħareġ mingħajr ma kienu nfurmati. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li m'għandux ikun hemm siġrieti u li huma bi dritt li jkunu jafu. Is-Sindku qalet li kollox hu trasparenti.

Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa għaliex fil-poster ma ssemitx ix-xow li ser tkun imtella' milll-Għaqda tan-Nar. Is-Sindku wieġbet li għadu ma ntlaħaqx ftehim fuq dikjarazzjoni li ntalbet lill-Għaqda tan-Nar sabiex ikunu huma responsabbli għal xi inċident waqt il-ħruq tan-nar f'dan il-festival. Il-Kunsillier Daniel Cordina saħaq li jemmen fit-trasparenza u jħoss li għandu jiġi nfurmat b'kull deċiżjoni u laqgħat li jsiru. Qal li s-Sindku preċedenti kien jiddiskuti kollox mal-Kunsill. Is-Sindku, Dr Marlene Cini staqsietx jekk kienx ġie nfurmat li ser isiru ċerti bankini li għalihom wasal il-kont meta telaq mill-kariga. Il-Kunsillier Nicky Saliba wieġeb li l-bankini saru bl-offerta. Is-Sindku wieġbet li hi qatt ma ġiet infurmata liema bankini kienu ser isiru. Il-Kunsillier Nicky Saliba qara u preżenta abbozz mill-minuti Nru 41/2021 – 8 paġna 6 u kkwota mill-*quarterly financial statements* u *l-Management Letter – year end December 2020.* (Dok. B). Kompla jgħid li intqal x'intqal jikkundanna l-gideb u qed jgħaddi id-dokument B sabiex jiġi anness mal-minuti ta' din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa fuq xhiex inhi il-laqgħa li hemm wara din il-laqgħa ma' l-Għaqda tan-Nar. Is-Sindku wieġbet li l-Għaqda tan-nar talbu għal din il-laqgħa sabiex jiltaqgħu mal-membri tal-Kunsill. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hu importanti li ikun hemm aktar trasparenza.

Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li s-sena l-oħra ħadd mill-membri tal-Kunsill ma ta kas fl-organizzazzjoni u l-preparamenti ta' dan il-festival u wriet id-dispjaċir li xi wħud ma ridux jgħinuha għax fl-opinjoni tagħhom riduha tagħmel il-pudini waħeda. Qalet għax kien suċċess issa qam l-interess f'dan il-festival. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li diskors bħal dan m'huwiex aċċettabli. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li s-sena l-

oħra ntqal li ser tintefaq somma u intefqet oħra. Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li dan il-kunċett tax-Xwejni Music Fest telaq sabiex l-għaqdiet tal-lokalita' igawdu u tkun attivita' fejn jistgħu jagħmlu ftit *fund raising* qabel il-festa.

Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li jiġi diskuss fil-laqgħa u t-trasparenza huma importanti għalih u ma għandu kontra ħadd. Is-Sindku Dott. Marlene Cini nfurmathom li tkellmet kemm il-darba fil-laqgħat preċedenti fuq ix-Xwejni Music Fest u dejjem setgħu jistaqsu xi mistoqsijiet waqt il-laqgħat.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.05 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Dok A.

Kunsill Lokali Żebbuġ

Mozzjoni No: 2/2023

Illum 29 ta' Mejju 2023, qed nikteb din l-ittra biex insejjaħ laqgħa b'urġenza fuq l-attività ta' Xwejni fest li ser issir nhar is-Sibt 22 Ta' Lulju 2023.

**Nicky Saliba**

*Resaq il-Mozzjoni Kunsillier*

**Daniel Cordina**

*Sekondata mill-Kunsillier*

Daniel Cordina

RECEIVED
29 MAY 2023
BY:

Dok B.

41.5 Nativitatis in Zebbug

41.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv issottomettit il-programm ta' din l-attivita' li ser issir it-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2021. (Dok A)

41.6 *Quarterly Financial Statements*

41.6.1 L-Accountant tal-Kunsill ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega l-qada tal-Kunsill. L-Accountant qal li dawn setgħu isiru peress li għadhom kif ingħalqu l-*Audits* tal-Kunsill. Spjega li s-sena 2020 inqalet b'FSI -10, f'Marzu 2021 niżel f'FSI -6, f'Gunju 2021 għalaq b'FSI +3 u f'Settembru 2021 għalaq b'FSI +11. Kompla jgħid li l-minimu tad-Dipartiment għal Gvern Lokali huwa FSI+10. Qal li dan hu il-pjan ta' ħidma li l-Kunsill ilu jaħdem għalih għal sentejn u nofs sħaħ. Is-Sindku, Nicky Saliba fakkar li fis-sena 2019 konna minn taħt sew u l-Kunsill irnexxilu jirkupra. Staqsa lil Accountant x'jaħseb mill-qada tal-Kunsill. L-Accountant informah illi l-minimu mitlub mid-DLG hu ta' FSI +10 u għalhekk il-Kunsill qabeż il-minimu bl-għaqal tiegħu. L-Accountant qal li sa Settembru 2021 l-Kunsill kien diġa f'qadgħa pożittiva.

41.7 *Management Letter – year end December 2020*

41.7.1 L-Accountant tal-Kunsill beda billi informa lil membri li trid tintbgħat ir-risposta ta' din il-*management letter* fi żmien 6 ġimgħat. Inġibdet l-attenzjoni illi l-Kunsill m'għamilx *mid-term audit* meta inbidel is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill pero' l-Kunsill wieġeb illi ma kienx vijabli li jsir *mid-term audit* f'Novembru 2020 minħabba l-ispiża li jidħol fiha l-Kunsill għal xahar. Inġibdet ukoll l-attenzjoni fuq il-*bulky refuse* peress li qabeż il-budget u għalhekk il-Kunsill irrisponda li l-Kunsill malli ġie konxju ta' dan żamm aktar ir-ridni u malli għalaq il-kuntratt iterminah. L-Accountant kompla jgħid li għalkemm il-Kunsill ħa żmien biex jirranġa l-pożizzjoni tiegħu, illum il-qadgħa tal-Kunsill tranġat. Qal ukoll li kien hemm id-dejn peress li l-Kunsill ħadem u għamel proġetti kapitali li minnhom qed igawdu r-residenti stess.

Is-Sindku irringrazzja lil Accountant ta' l-ispjega tiegħu u ħareġ mill-kamra.